MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 416/2011

**Pierina Zammit (K.I. 837348M)**
**ghad-ditta Medimports**
**Vs**
**Kirsty Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi l-attrici ghaddiet lill-intimata merkanzija *on consignment*, i.e. jsir hlas tal-merkanzija li fil-fatt tkun inbieghet, fl-ammont ta' elf, mitejn, sitta u tletin ewro u sitta u erbghin centezmu (€1236.46) kif jidher mill-i*statement* hawn mehmuz (Dok. A), nieqes kreditu ta' mija, wiehed u sebghin ewro u tmienja u sittin (€171.68) li jgib bilanc ta' elf, erbgha u sittin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1,064.78). L-intimata baqghet ma hallsitx dan l-ammont ta' elf, erbgha u sittin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€1,064.78) u dank if ser jigi ppruvat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, oltre hamsa u ghoxrin ewro (€25) ta’ zewg (2) ittri bonarji, kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta in subizzjoni, u bl-imghax skont il-ligi mill-iskadenza ta’ kull fattura.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-12 ta’ Dicembru, 2011 mill-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar u l-fatt li li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------